# EŻEMPJI TA' ESTETIKA ROMANTIKA MALTIJA

**Oliver Friggieri**

In-naħa li tidher l-iżjed fil-persunalità ta' artist hi l-prassi, ix-xogħol li joħloq skond teknika maħsuba biex tfisser figurativament xi kontenut. Il-kritika nafuha l-aktar bħala d-dixxiplina li tistħarreġ il-kontenut imbiddel f'forma, jew aħjar il-forma bħala verżjoni persunali ta' kontenut. Min-naħa l-oħra, f'kull artist hemm kontenut speċifiku ieħor, li ma jiddefinihx bħala osservatur jew filosfu tal-ħajja, iżda bħala filosfu ta' l-arti. Hemm waqtiet meta titla' fil-wiċċ ir-riflessjoni estetika, it-teorija li tfittex li tagħti ħjiel ta' liema huma l-motivazzjonijiet li jwasslu għall-ħolqien ta' xogħol artistiku. Meħuda fid-dawl ta' l-opra ta' awtur, din it-teorija tista' tidher bħala s-sies spiritwali, ideoloġiku li tinbena fuqu l-opra msemmija. Fiha nnifisha, din it-teorija tista' titqies bħala espożizzjoni ta' l-awtur fuq it-tip ta' letterarjetà tiegħu. Iżda minbarra x-xeħta deskrittiva, din it-teorija sikwit ikollha fiha ż-żerriegħa ta' moviment sħiħ, ta' mentalità mxerrda f'post u fi żmien. L-istħarriġ tagħha fi ħdan il-kwadru ta' l-istorja ta' l-ideat, imbagħad, iwassalha biex tingħaraf skond l-egħruq qodma li ħarġet minnhom u wkoll skond il-friegħi li hi stess tkun issieħbet magħhom u varjat minnhom. Meta jissenslu flimkien, fid-diversità tagħhom, it-teoriji ta' żminijiet meħudin fl-ordni kronoloġiku tagħhom, tissawwar l-istorja tal-ħsieb estetiku, magħqud skond linja ta' żvilupp, u għani fin-nuqqas ta' qbil ta' viżjoni ma' oħra.

Fil-każ tal-poeżija Maltija, waqt li hi nieqsa ħafna l-kitba ta' dix-xeħta minħabba n-nuqqas tal-fundament kritiku tal-letteratura Maltija kollha,[1] riflessjoni estetika tixref 'l hawn u 'l hinn f'siltiet ta' proża u poeżija, u xi drabi f'saġġi maħsubin apposta biex jesponu fehmiet dwar il-letteratura. Biex jinħareġ minnhom korp sħiħ u organiku, il-kritiku jrid jistabilixxi l-kriterji tiegħu skond loġika li hu nnifsu jista' jagħżel li jsegwi. Din ir-riflessjoni miktuba — Maltija għaliex iġġarrbet minn għadd kbir ta' awturi Maltin li għal sekli sħaħ segwew bir-reqqa l-ħsieb klassiku, umanistiku-orazjan u romantiku — hi ħaġa waħda ma' l-esperjenza kulturali kollha ta' l-Ewropa. Ma jinstabux xejriet oriġinali jew adattamenti lokali li jitbiegħdu ħafna mill-qofol magħruf, iżda ri-

1. Dwar dan il-punt cfr. O. Friggieri, *Storja tal-Letteratura Maltija*, I, Malta, Klabb Kotba Maltin 1979, pp. 23-28.

kostruzzjoni tagħhom tixhed li daħlu f'Malta, fi żmienhom u wara, l-aqwa prinċipji ta' l-estetika Ewropea kollha. Il-kultura Taljana tal-Maltin fetħet it-twieqi għal din il-parteċipazzjoni li, minnha nnifisha, sawret l-identità kulturali Maltija.

L-istess prinċipji ewlenin intlaqgħu mill-aħjar poeti Maltin. Id-differenza fil-mod kif inhuma milqugħa u mistħarrġa hi xhieda ta' differenza fl-identità poetika ta' kull wieħed. Il-qofol, kif se jidher mill-eżempji mogħtija hawn isfel, huwa romantiku, magħġun ma' elementi eqdem li ntirtu matul tradizzjoni għanja li għal żmien twil fehmet li l-veru u s-sabiħ huma kategoriċi. L-importanza tal-fdal klassiku u neo-klassiku tista' titqies skond kemm hu nieqes fil-kontenut romantiku ta' dawn il-Maltin il-liberaliżmu tipiku ta' bosta rwieħ imqallba tas-seklu dsatax Ewropew.

### ĠAN ANTON VASSALLO

Skond Vassallo "soggetto principale della letteratura sono l'Oratoria, la Storia e la Poesia. Le quali tre parti ricevono forma, colorito e vita dall'eloquenza; ne' infatti sinonimi avventati o di scolastica convenienza son essi Letteratura ed Eloquenza, ma ben filosoficamente sinonimi, dappoiche' questa è in sostanza l'anima di quella. Breve a taluni parrebbe forse l'anzidetta triplice partizione della letteratura," iżda jissokta li, fil-fehma tiegħu, "sembra la più ragionata ed esatta riguardo alla letteratura propriamente detta, siccome la parola 'letteratura' nel suo senso esteso e letterale vien a comprendere ogni specie di scienze e lettere."[2]

Id-definizzjoni li jagħti tiegħu nnifsu hi ta' "umile cittadino, il quale non d'altro può vantarsi se non del lungo e costante amore che ha sempre nodrito per le gloriose lettere italiane." Jistqarr ukoll li kien il-Latin li nebbhu "l'amore dell'italiano e delle bellezze che gli italiani seppero merce' la loro bellissima lingua creare. Incantavami sopra ogni altra cosa il loro Parnaso, che fra quanti altri presentavano le moderne letterature è, per generale avviso, il più ricco, il più variato, il più lusinghiero."[3]

Min-naħa l-oħra għaraf il-fejda nazzjonali u s-setgħat espressivi tal-Malti, u ppropona li jinqeda bih fl-oqsma letterarji li setgħu jintlaħqu l-aktar mill-biċċa l-kbira tal-poplu. L-akbar importanza fi ħsiebu hi mogħtija lill-poplu, bħala l-qarrej li m'għandux isib diffikultà għaliex huwa l-poplu li jrid jintlaħaq mill-awtur skond il-qagħda reali tal-poplu nnifsu: "Si faciliti al popolo, quanto mai si possa; imperò esso è impaziente, ritroso, ne' in riguardo a educazione qualunque, è trattabile che a carezze. Parlando al popolo, bene va essa ogni eleganza sacrificata

2. *Prolusione al corso di letteratura italiana nella R. Università degli studi*, Malta, E. Laferla 1864, p. 18.
3. *Ibid.*, pp. 3-4.

alla generale intelligenza."[4]

Flimkien mal-ħtieġa elementari ta' l-artista li jfisser ruħu u li jikkomunika l-qagħda ġewwiena tiegħu, kien hemm ukoll ix-xejra popolareġġjanti u demokratika tal-letteratura Taljana ta' dak iż-żmien, il-frott ta' l-idealitajiet illuministiċi li r-romantiċiżmu beda jissublima, iwessa' fl-għanijiet u jgħolli fil-kawżi. Vassallo hu favur it-tħaddim ħieles u naturali tal-lingwa anki fil-qasam kollu kemm hu kreativ. Fisser ruħu bil-qawwa kontra wħud mill-filoloġi Maltin li ma ridux li l-ilsien lokali jadatta ruħu skond il-ħtiġiet u l-użi soċjali. Stqarr li kien kuntrarju għall-koltivazzjoni filoloġika tal-lingwa u favur li tinkiteb "com'è generalmente parlata nelle città dell'isola, con tutti quei barbarismi, senza de' quali essa diverrebbe poco men che nulla, od insufficiente, almeno ad esprimere i nostri concetti in riguardo ai costumi, ai bisogni, alle più delle novità, al galateo, a tutto, in una parola, quello che in complesso forma la nostra attualità civile."[5]

Ir-romantiċiżmu għallem li l-awtur għandu jkun leħen il-kotra, u li l-kotra hija d-dokument ewlieni li minnu l-awtur jislet il-verżjoni tiegħu ta' l-eżistenza f'post u fi żmien partikulari. Hu u jikteb letterarjament, Vassallo kellu l-għan didattiku: "far cosa gradita ai concittadini,"[6] u ħares lejn il-Malti bħala l-għodda xierqa għat-tagħlim popolari. Is-sentiment tal-poplu hu l-qofol tal-poetika ħafifa tiegħu; hu l-poplu li jgiegħlu jikteb, jitnebbah minnu, u b'effett ta' dan ma jinteressahx il-ġieh ta' l-akkademji. L-attwalità tal-kontenut u l-utilità li toħroġ minnu huma ż-żewġ sisien li jsejjes fuqhom il-viżjoni letterarja kollha:

Del popolo io son, ed a lui pegno
d'amore do nel poco, dove arriva
la penna cui mi die' povero ingegno,
onde fatti e costumi gli descriva.

Non plauso d'accademia mi fa gola,
non la scienza superba; sol m'aggrada
quanto al popolo servir possa di scola.

Seria o giocosa la parola cada,
greca o latina, vo' una cosa sola;
che sparsa in vano ella giammai non vada.[7]

Meta jqis il-"letterarie bellezze italiane", ma jitkellimx biss dwar "semplice ornamento e diletto inservienti, ma in quanto alla pubblica utilità contribuiscono". Bl-għarfien tal-grajja letterarja ta' nazzjon, min-

4. *Lettera al Prof. Dott. Stefano Zerafa,* "L'Ordine", 28/6/1861, p.3.
5. *A chi legge, Ħrejjef u ċajt bil-Malti,* Malta, Tip. Industriale G. Muscat 1895, p. 3.
6. *Mogħdija taż-żmien fil-lsien Malti,* Malta, Stamp. Cumbo 1843, p. 5.
7. *Persone politissime a disdegno, Ħrejjef u ċajt bil-Malti* cit., p. 7.

barra t-tagħlim, jitnissel ukoll effett morali li ma jistax jitnissel mill-għarfien tal-ġrajja politika. Il-letteratura trodd l-utli u l-pjaċevoli. Il-pjaċir ukoll hu għamla ta' ksib siewi. Jekk mil-letteratura ġenerali ma jinħariġx xi ġid individwali jew b'riżq is-soċjetà, kull letteratura ma tkunx ħaġa oħra għajr "un ingombro intellettuale".[8] L-aġġornament kulturali tiegħu, imħawwel fil-kurrenti tal-ħsieb romantiku, joħroġ sħiħ u fid-deher f'din is-silta: "Non loda l'arte presente, ne' diremmo quasi, tollera che sieno le lettere coltivate unicamente come fine; chiede bensi', ne' senza ragione, che coltivate sien esse come un efficace mezzo di migliore sviluppo e perfezionamento alle scienze, imperocche' queste, o almeno la loro manifestazione, si' teorica che pratica, senza le belle lettere riescono d'ordinario imperfette, i concetti senza forza, le stesse vivezze senza diletto (...) Ufficio principale della letteratura si è di fare che bene ed ordinatamente svolga i suoi raziocinii la scienza quando teorizza e deduce, e che parimente nella più opportuna evidenza si manifesti essa quando viene applicata."[9]

DUN KARM

Il-poeżija hi sejħa divina li lill-poeta "terfgħu 'l fuq lejn dehriet ta' ġmiel u ta' mħabba li ma bħalhom."[10] Min-natura tiegħu l-poeta hu "straniero a tutti, ignoto al suo paese,"[11] hu individwu solitarju, iddestinat biex igħix qalb pubbliku biered u aljenat, maqtugħ mill-valuri ewlenin.[12] Bħala bniedem "imsaħħar",[13] il-poeta jgħaddi ħajja estatika, u "jekk tiġi siegħa li jkun tassew poeta, ma jiktibx dak li jrid hu."[14] Minħabba li l-versi tiegħu għandhom joħorġu mir-ruħ "in momenti di viva ispirazione,"[15] il-poeta jġarrab "il forte, il prepotente bisogno di esternarsi."[16] Il-ħuġġieġa tan-nebha tixgħel u taqbad, "u meta tikbes tixgħel, u meta tixgħel taħkem, u tħaddan lill-poeta."[17] F'qagħda bħal din jintilef u igħaddi minn waqtiet ta' interjorità profonda u 'l fuq mil-livell uman, u jintuwixxi bil-ferħ li hu dak li hu.[18]

Il-punt tat-tluq ta' din l-esperjenza estetika hu malinkoniku, u b'effett tinħoloq poeżija "magħsura minn ġo qlub imnikkta u bħal we-

8. *Prolusione* cit., pp. 3, 17, 20.
9. *Ibid.*, pp. 3, 17, 20-22.
10. *F'jum il-ġieħ ta' Dun Karm,* "Leħen il-Malti", XV, CLXXVI-CLXXVIII, 1945 p. 115.
11. *Grazie del tuo sorriso* v.6.
12. *Foglie d'alloro,* Malta, Alessandro A. Farrugia 1896, pp. 4-6.
13. *Dell u dija,* v. 98.
14. Ittra lil Ġ. Aquilina, 10/9/1935, Bibljoteka ta' l-Università ta' Malta, "Melitensia", ms. 214.
15. Ittra lil L. Ropa, 17/1/1934, Bibljoteka ta' l-Università ta 'Malta, "Melitensia", ms. 252.
16. *Foglie d'alloro* cit., p. 3.
17. *Dell u dija,* vv. 66-70.
18. *Non omnis moriar,* vv. 25-32; *Dell u dija,* vv. 99-100.

raq niexef imxerrda 'l hawn u 'l hinn fil-kotba morda."[19]

Lil hinn mill-kwadru ta' l-awtobijografija persunali, il-poeżija ssib ġustifikazzjoni fundamentali bis-saħħa ta' l-iżvolġiment ta' programm demokratiku ta' tagħlim morali u ċivili, u għalhekk għandha tgħallem mingħajr ma ddejjaq,[20] tiġbed u tħajjar lill-bniedem għall-verità.[21] Din l-arti għandha qawwa mill-akbar fil-formazzjoni tal-karattru: "titfa' ż-żrieragħ ta' l-aħjar u l-oħla sentimenti, u hekk fit-tifel thejji s-sura taż-żagħżugħ irżin u qalbieni u fiż-żagħżugħ thejji s-sura tar-raġel qawwi fil-fehmiet tiegħu, ħabib tas-sewwa, għadu ta' kull egħmil li jgħajjeb, li jtebba'. Il-poeżija tirbaħ bil-ġmiel, trabbi bil-ħlewwa."[22] Il-karattru tat-tfal jifforma ruħu bl-eżempji nodfa u konvinċenti tar-reliġjon u tal-ġrajjiet kbar; dawn it-tnejn għandhom importanza mill-akbar fil-poeżija, l-arti li tiċċelebra l-misteri tat-twemmin u r-rebħiet ta' l-istorja.[23] L-impenn istruttiv għandu jtella' fil-wiċċ lill-bniedem fil-ħajja persunali, familjari u soċjali tiegħu,[24] u b'dan il-mod il-kittieb ikun ta' fejda għaċ-ċittadini, kemm fil-qasam reliġjuż, u kemm fil-ħajja morali, ċivili u politika.[25]

Il-karattru tal-poeżija jitbiddel skond il-ħamrija li jitrabba fiha u jikber u jvarja minn żmien għal ieħor. L-okkażjonijiet għal kreazzjonijiet poetiċi ġodda jitnisslu minn ċirkustanzi u ġrajjiet ġodda,[26] u l-opri diversi jinbnew qajl qajl "in anni diversi e in circostanze ora liete, ora tristi."[27] Ma jista' qatt jonqos il-kuntatt mill-qrib bejn l-arti u l-ħajja, għaliex il-poeżija hi ħajja, għandu jkollha fejda soċjali, hi ħaġa "li hi ħajjitna" u "li hi aħna."[28] Hi xogħol li jissawwar bil-ħsieb u bis-sentiment, iżda l-arti kollha tagħha tinġabar f'dan: fit-tlibbis mill-ġdid ta' dik it-tematika u ta' dak il-kontenut sentimentali bil-mod l-iżjed xieraq u ġust għan-natura ta' kulħadd, għaliex "la poesia è l'arte del popolo."[29]

Bejn poplu u poeta hemm bosta qbil naturali, imqar jekk fil-konċezzjoni ta' Dun Karm il-poeta għandu xeħta jibqa' dejjem il-bniedem li jgħix u jikkomponi fis-solitudni; hu nnifsu, madankollu, jistqarr li l-forom tal-poeżija popolari tbiddlu fil-forom varji tal-poeżija ta' l-arti matul il-mixja twila u bla waqfien ta' l-evoluzzjoni letterarja, għaliex

19. *Ward,* vv. 12-15; cfr. ukoll *Dell u dija,* vv. 1-12.
20. *X'nixtiequ,* "Il-Malti", Sett. 1941, p. 58.
21. *Il-ħsieb u l-kelma,* "Il-Malti", Marzu 1939, p. 3.
22. *Il-poeżija Maltija fl-iskejjel aħjar minn kull waħda oħra,* "Il-Malti", Marzu 1930, p. 3.
23. *Il-poeżija Maltija fl-iskejjel aħjar minn kull waħda oħra,* "Il-Malti", Ġunju 1930, pp. 33, 34, 36.
24. *Għal-letteratura Maltija,* "Il-Malti", Sett. 1931, p. 73.
25. *F'jum il-ġieh ta' Dun Karm,* loc. cit., p. 117.
26. *Foglie d'alloro* cit., p. 4.
27. *Un po' di prologo, Viole,* Bibljoteka ta' l-Università ta' Malta, "Melitensia", ms. 206.
28. *Il-għanja Maltija — lill-poeti Maltin li telgħin,* "Il-Malti", Ġunju 1930, p. 48.
29. *Un amico... caro,* "La Palestra del Seminarista", I, vol. III, 1901, pp. 55-56.

"il-poplu hu l-poeta li joħloq."[30] Is-semplicità, in-naturalezza, il-ħeffa fil-għażla lessikali li jagħtu lill-poeżija l-ħila li tkun wirt demokratiku li jista' jintlaħaq minn kulħadd u li ma jeħtieġx l-użu tad-dizzjunarju, it-tiftixa kollha reqqa ta' dak kollu li m'hux diffiċli jew mudlam fit-tifsira, it-twarrib ta' kostruzzjonijiet imħawda u indiretti u ta' perijodi mkissrin: dawn huma wħud mill-elementi ewlenin li bihom il-poeżija tista' taqdi lill-poplu u tilħqu kif jixraq.[31]

Minħabba li hi l-espressjoni solenni ta' l-esperjenza popolari, il-poeżija titbiddel f'awtobijografija tan-nazzjon.[32] L-egħjun ta' l-ispirazzjoni tal-poeżija nazzjonali, jissokta Dun Karm, huma t-taqbid għall-ħelsien mill-jasar, ir-rebħiet miksuba, l-għażla tas-sistema xierqa fit-tmexxija tal-pajjiż, il-liġijiet, ix-xogħol, il-kummerċ, il-ftehim mal-qraba u mal-barranin; jekk tiżvolġi ruħha fi ħdan il-kwadru tematiku msemmi, il-poeżija tissokta dejjem iżżomm rabta mill-qrib mal-ġrajja tal-patrija.[33]

Il-fama immortali hija l-glorja li tintradd lil min, matul il-ħajja tiegħu, ikun iċċelebra l-qlubija u l-kobor ta' l-istorja nazzjonali u tal-patrijotti tagħha, u waqt li jkun widdeb u għallem lill-poplu kontra n-nuqqas ta' sensibilità u l-bruda, ikun bena wkoll mafkar dejjiem lill-eroj.[34]

**ANTON BUTTIGIEG**

Il-għażla bejn l-ideali u r-reali tiswa biex wieħed jagħżel ukoll minn xulxin iż-żewġ modi ewlenin kif il-poeti jsawru l-poetika tagħhom. Hemm min hu preskrittiv u preċettistiku, juri kif jifhem li għandha tinkiteb, x'funzjonijiet jeħtieġ ikollha, u hemm min hu deskrittiv, ifisser kif inhi bħala entità magħmula diġà. L-ewwel imġiba hi aprioristika, jew inkella tipprexxindi mill-qagħda attwali u tħares lejn il-fenomenu poeżija fl-astrazzjoni tiegħu; it-tieni waħda tinbena *post factum*, jew fl-istess ħin mal-kitba tal-versi. F'dan it-tieni sens, il-poetika tieħu sura ta' apprezzament tal-poeżija ta' l-awtur innifsu, tfettaħ dak li jidher marsus fil-kitba kreattiva, tiġġustifika dak li jkun qiegħed isir. Din il-verżjoni tiegħi, ftit jew wisq, hi tiġbid taż-żewġ xejriet ewlenin u kontra xulxin tal-ġrajja tal-kritika, it-tradizzjonali bħala preskrittiva u l-moderna bħala deskrittiva.

Eżempji Maltin taż-żewġ xejriet jistgħu jinstabu fil-poetika ta' Dun Karm u f'dik ta' Buttigieg. Bħala poeta li hu mmexxi mill-poeżija aktar bħala esperjenza umana milli bħala sintesi ta' esperjenza umana *u* esperjenza letterarja, f'Buttigieg taħkem il-ħin kollu x-xejra deskrittiva. Huma, minħabba f'hekk, ftit ħafna l-waqtiet ta' din il-valutazzjoni

30. *Is-sunett,* "Il-Malti", Marzu 1936, p. 11.
31. *Un amico... caro,* loc. cit., p. 55.
32. *Il-letteratura tagħna,* "Il-Malti", Diċ. 1937, p. 103; *X'inhi Letteratura? Għalfejn tiswa?,* "Il-Malti", Ġunju 1938, p. 33.
33. *Il-letteratura tagħna,* loc. cit., p. 103.
34. *Dun Mikiel Xerri,* "Il-Malti", Sett. 1937, p. 72.

aposteriori, u huma ħaġa waħda mal-poeżija stess. Il-biċċa l-kbira tar-rivelazzjonijiet, fil-fatt, joħorġu mill-versi, u huma interpretazzjoni metaforika, lil hinn mill-konċettwaliżmu u mit-tejorizzazzjoni tal-kritiku fil-poeta.

Għad li Buttigieg innifsu jaqsam il-poeżija tiegħu f'erba' taqsimiet (tan-natura, patrijottika jew soċjali, ċajtiera, mediterraneja),[35] il-qofol tan-nebħa tiegħu jinsab fid-dinja tan-natura fejn tista' titgħanna l-"għanja lis-Sbuħija, Sultana tal-ħolqien";[36] m'hix l-imġiba ta' min jaħrab iżda d-devozzjoni ta' min isib: "Min imur lejn in-natura... jkun qed imur lejn il-ġmiel, il-perfezzjoni u l-armonija tal-ġnien li Alla ħalaq lill-bniedem biex igħix fih, u jerġa' lura mogħni bin-nebħa u bil-ġibda lejn il-ġmiel, il-perfezzjoni u l-armonija fil-ħajja. Għalija l-kwiekeb, is-sema, il-baħar u s-siġar m'humiex ħaġa mejta imma ħlejjaq li daqs l-agħsafar ikellmu direttament lil qalbi."[37] Minn din it-tiġrib fiżiko-spiritwali joħroġ il-ferħ,[38] stat li joħroġ mill-poeżija mwaħħda mat-tiġrib imnissel fil-bniedem mill-ambjent naturali.[39]

Il-ferħ u t-tbatija huma partijiet integrali tat-tiġrib poetiku. It-tbatija tal-poeta, "mimlija b'xenqiet mhux mitmuma",[40] tinkiteb f'waqtiet ta' mistrieħ,[41] għad li l-poeżija hi dejjem frott it-tbatija, bħalma hi t-tarbija umana għall-omm, u bħall-omm il-poeta jħobb lil min iħobb vrusu u jistkerrah lil min jobgħodhom.[42] Bħal fil-każ tal-familja, il-poeżiji bħalla aħwa jridu jżommu l-istess identità u rabta bejniethom.[43] L-effett hu faraġ li jbiddel it-tbatija f'hena u jsawwar l-illużjoni,[44] u jiswa l-aktar fiż-żminijiet diffiċli tal-ħajja għaliex il-ħidma umana ma tiswa xejn mingħajr element ta' poeżija.[45]

Id-dinjità poetika ġejja mill-fatt li s-sigriet tan-natura hu rivelat lill-poeta, bħala ħlejqa rari,[46] u bħala l-persunaġġ privileġġjat fil-ħolqien

35. *Qalbi bħall-bilbla tgħanni*, "Il-Polz", 21, Jannar-Ġunju 1972, pp. 10-11.
36. *Il-għanja ta' żgħożiti*, vv. 3-4.
37. *Qalbi bħall-bilbla tgħanni*, loc. cit., p. 10.
38. *Il-għanja ta' żgħożiti*, vv. 19 u 22; *Ħinijiet ta' poeżija*, vv. 7-10.
39. *Il-ġnien tal-Blata-l-Bajda*, vv.9-14; *Bomblu għana*, vv. 18-39. *Ħinijiet ta' poeżija*, vv. 1-12; *Lill-muża ta' żgħożiti*, vv. 1-56.
40. *Qalbi bħall-bilbla tgħanni*, loc. cit., p. 10.
41. *Ninu Cremona*, "Il-Malti", Marzu-Ġunju 1972, p. 15, *Il-ġnien tal-Blata-l-Bajda*, vv. 9-11.
42. *Sew bħal omm...*; vv. 1-12. Il-fehma li l-poeżija hi dejjem frott it-tbatija hi karattru ewlieni li juri l-qofol romantiku tal-poetika ta' Buttigieg u oħrajn. Minn D'Alembert ta' *Eloge de Sacy* sa Leopardi ta' *Zibaldone* u bosta kitbiet oħra sa Shelley ta' *Ode to a Skylark* sa Karmenu Vassallo f'Malta, din id-dehra tal-poeżija bħala sentimentali u malinkonika, f'kontrappożizzjoni mal-poeżija immaġinativa, oġġettiva u mimlija ekwilibriju ta' "l-antiki", i.e. il-klassiċi, kellha saħħa mill-akbar biex tissokta tiddetermina x-xeħta awtobijografika u djarjistika tal-lehma romantika.
43. *Il-għanja ta' żgħożiti*, vv. 25-28.
44. *Dalwaqt jisbaħ...*, vv. 31-34, 60-66; *Il-kebbies tal-fanali*, vv. 10-19.
45. *Qalbi bħall-bilbla tgħanni*, loc. cit., p. 12.
46. *Lill-kampanella*, vv. 14-16.

li hu mogħni bis-sens ta' l-eternità.[47] Ġejja wkoll mill-konċezzjoni reliġjuża tal-poeżija;[48] "Aħna l-poeti bħal kanarini fil-gaġġa t'Alla, huwa jitmagħna u jieħu gost jismagħna nsaffru, meta mmutu jpoġġi minflokna kanarin ieħor fil-gaġġa tiegħu;"[49] għad li x-xewqa ta' l-immortalità storika hi preżenti wkoll,[50] il-poeta Kristjan jara fl-opra tiegħu l-aqwa depożitu li jibqa' jikkaratterizzah wara l-mewt.[51]

**KARMENU VASSALLO**

Il-ħsibijiet estetiċi ta' Vassallo huma marbutin ħafna ma' l-estetika klassika, u l-iżjed max-xeħta pedagoġika tagħha. Mill-bqija, din hi xejra komuni għall-biċċa l-kbira ta' l-awturi lokali, fosthom saħansitra wħud ta' llum. Kollox jixhed assimilazzjoni tat-tradizzjoni umanistiku-orazjana li kellha xorti kbira fil-gżira minn żmien il-bidu tal-Kavalieri sar-romantiċiżmu. Fi ħdan dan il-kwadru tikseb tifsira r-rabta sħiħa li hemm fil-ħsieb ta' Vassallo bejn is-sabiħ, il-veru u l-utli.[52] Ir-riflessjonijiet li jinteressawna hawn huma dawk li wiret mid-dinja romantika.

Il-poeżija hi waħda mill-forom għoljin tal-letteratura,[53] is-sultana ta' l-arti kollha,[54] imnissla minn Alla.[55] Hu Alla nnifsu li jagħżel lill-poeta[56] u li jroddlu l-kelma bħala xhieda ta' paċi.[57] Għalhekk il-poeti huma ftit,[58] u l-poeta veru huwa bniedem superjuri għall-oħrajn, differenti ħafna minnhom.[59] Ma jistax ma jżommx lilu nnifsu 'l fuq minn kulma hu qarrieq,[60] u għalhekk ħsibijietu huma dejjem fil-għoli, delikati, għonja u misterjużi.[61]

Il-kawża ewlenija ta' din il-qagħda għolja, li tispiċċa biex twaħħad lill-poeta ma' l-individwu fis-sħuħija tiegħu, tinsab fit-twemmin li l-

---

47. *Il-għanja taċ-ċaqliq,* vv. 42-48.
48. Dwar l-ispirazzjoni Kristjana tar-romantiċiżmu ta' Buttigieg ara *Qalbi bħall-bilbla tgħanni,* loc. cit., p. 11.
49. *Ibid.,* p. 12.
50. *Xewqa lil għanjeti,* vv. 18-20.
51. *Qalbi bħall-bilbla tgħanni,* loc. cit., p. 12.
52. Dawn il-prinċipji klassiċi, waqt li huma s-sies ta' l-edukazzjoni tradizzjonali fl-awtur, huma mġarrbin mill-ġdid skond sensiela ta' valuri romantiċi u mħalltin ħaġa waħda magħhom.
53. *Il-poeżija u aħna,* "Il-Malti," Ġunju, 1962, p. 37.
54. *Ħajja qasira,* "Il-Malti", Marzu 1938, p. 12.
55. *Rapport ta' l-eżaminatur,* "Pronostku Malti", vol. LIII, 1950, p. 84; *Thewdin,* v. 143.
56. *Il-poeta u l-kaptan,* v. 25.
57. *Tliet saltniet,* vv. 23-24.
58. *L-aħħar taqbida,* vv. 25-36; *Alla taż-żgħażagħ,* Malta, G. Muscat 1939, p. 32; *Lil Gaspare Pace,* v. 218.
59. *F'jum il-għid tal-qaddis Nikola ta' Bari,* vv. 17-20; *Il-poeżija u aħna,* loc. cit., p. 37.
60. *Alla taż-żgħażagħ* cit., p. 15.
61. *Ibid.,* p. 18.

poeta jitwieled poeta.[62] Il-ħajja tinbeda fi stat ta' potenzjalità[63] li mbagħad tasal għall-attwalità tagħha mal-mogħdija taż-żmien, bil-ksib tal-maturità.[64] Id-dmir mitwieled ta' bniedem bħal dan hu li jkanta sakemm imut. Il-poeta li ma jkantax jiċħad il-missjoni tiegħu.[65]

Minħabba din id-differenza, il-biċċa l-kbira tal-bnedmin ma jistgħux jifhmu lill-poeta;[66] hu qassis tal-mużi,[67] u l-poeżija hi reliġjon, issieħba fidila tal-qdusija reliġjuża.[68]

Is-sigriet poetiku silkwit ma jistax jitfisser,[69] u l-kelma umana m'hix xierqa biex tesprimi l-milja tas-sentimenti.[70] Fil-qofol tagħha l-esperjenza poetika hi għamla sublimi ta' ġenn, ogħla mill-ġenn ordinarju.[71] Ebda bniedem kbir u għaref ma jgħix il-ħajja bħalma jgħixuha l-biċċa l-kbira tal-bnedmin. Il-ġenn, bħala qagħda meħtieġa tal-kobor ġewwieni, hu għamla ta' dillierju li minnu joħorġu d-dawl, il-ġmiel u l-glorja.[72]

Il-waqt ta' l-ispirazzjoni jġiegħel lill-poeta jitħasseb u jissaħħar, u l-qawwa sentimentali tikbes u taħraq fih;[73] il-moħħ jiddawwal b'dawl ġdid.[74] Huwa waqt ta' ekwilibriju ġewwieni,[75] mimli faraġ u hena.[76] Il-versi, fil-fatt, huma l-aqwa ħbieb ta' l-awtur,[77] għajn ta' kalma fit-tbatija,[78] mezz ta' fejda biex wieħed jiftakar u jerġa' jgħix l-imgħoddi.[79] Meta huwa mnebbah il-poeta jkollu l-ħila li jgħolli lill-bnedmin 'il fuq mil-livell komuni u li jirrivela dehriet ta' seħer naturali u ogħla min-natura. L-elementi varji tan-natura jitbiddlu f'mezzi ta' kuntatt bejn id-dinja barranija u d-dinja ġewwiena, u s-sbuħija oġġettiva titbiddel f'qagħda tar-ruħ fejn il-poeta fl-aħħar iġarrab is-sensazzjoni li jixtieq jingħaqad mal-Poeżija, il-"mara" li toffri l-milja tal-ħtiġiet l-iżjed intimi u tal-ħerqa għall-għarfien ta' l-infinit u tal-misterjuż.[80]

Il-poeta hu kkundannat li jgħaddi ħajja ta' tbatija. Huwa iżjed

62. *Ibid.*, p. 32; *Il-poeżija u aħna*, loc. cit., p. 37.
63. *Alla taż-żgħażagħ* cit., p. 32.
64. *Ibid.*, p .86.
65. *Tiħux ħsieb*, vv. 1-4.
66. *Lil Gaspare Pace*, vv. 165-166; *Perfecti mysterium amoris*, vv. 9-10.
67. *Kelmtejn qabel*, J. Saliba, *Ilħna tar-rebbiegħa*, Malta, Lux Press 1966, p. 7.
68. *Vatum consortium*, Malta, Dar ta' San Ġużepp 1968, pp. xiv, 109.
69. *Il-Muża*, vv. 15-16; *Lir-riħ fuq*, vv. 158-162; *Formosa*, v. 20.
70. *Kelmtejn qabel*, *Nirien*, Malta, G. Muscat 1938, p. 6.
71. Il-għanja ta' poeta tal-bieraħ, v. 1. *Kelmtejn qabel*, Anon, *Għanja ta' dgħajsa*, Malta, Dar ta' San Ġużepp 1971, p. 6.
72. *Alla taż-żgħażagħ* cit., p. 22.
73. *Thewdin*, vv. 140-143.
74. *Lil Gaspare Pace*, vv. 161-162.
75. *Mill-art għas-sema*, Malta, Dip. ta' l-Informazzjoni 1960, p. 22.
76. *F'jum il-għid tal-qaddis Nikola ta' Bari*, v. 37; *Alla taż-żgħażagħ* cit., pp. 14 u 16.
77. *Tiħux ħsieb*, v. 10.
78. *Alla taż-żgħażagħ* cit., p. 32; *Lill-poeżija*, vv. 54-60.
79. *Tifkiriet ta' tfuliti*, vv. 90-103.
80. *Lill-poeżija*, vv. 1-66.

poeta tax-xorti ħażina milli tal-kitba letterarja.[81] L-ewwel raġuni hi soċjali: il-poeta hu individwu mħolli barra mis-soċjetà minħabba l-għoli u l-integrità tiegħu. L-ambjent tal-kotra ta' żmienu ma jilqax il-messaġġ tiegħu.[82] It-tieni raġuni hi intrinseka, u hi biċċa mill-qofol innifsu tal-poeżija: min m'hux imweġġa' ma jistax ikun poeta:

Min qatt ma laqqat kwies l-imrar mill-qiegħ
poeta m'hux, m'hemmx poeżija fih.[83]

Il-poeżija vera hi dejjem il-bint tat-tbatija,[84] hija l-għamla verbali tat-tiġrib persunali u intimu.[85] Aktar ma l-poeta jbati, aktar tissaffa u tissaħħaħ l-opra tiegħu.[86] In-niket hu l-magħmudija tan-nar tiegħu.[87]

**EGHLUQ**

Fil-kitba ta' l-awturi nfushom dawn il-ħsibijiet huma ħaġa waħda mal-bqija tat-tematika magħżula. Hi ħaġa nari fost il-kittieba lokali li ssib preżentazzjoni organika ta' dawn il-ħsibijiet, minsuġin f'korp wieħed. Madankollu, 'l hawn u 'l hinn jixref dan il-wirt ta' fehmiet mirutin minn dinja wiesgħa ta' ċiviltà li Malta ħadet u għadha tieħu minnha l-qofol ta' l-identità kontinentali tagħha. Huma l-waqtiet qsar li jleħħu f'ittra, f'saġġ ta' xeħta letterarja jew kulturali, f'versi mdaħħlin f'poeżiji b'suġġetti varji, jew f'poeżiji li minnhom infushom jitħaddtu dwar xi aspett estetiku.

In-nisel storiku tagħhom, l-adattament u l-mod kif intlaqgħu mill-awturi nfushom huma aspetti ta' studju li, jekk isir, jagħti dehra sħiħa lill-awtur bħala ħassieb (jew teoriku ta' l-arti) u bħala artist (jew ħaddiem tal-ġeneru ħallieq tiegħu). Aktarx li sikwit jitħalla barra l-ewwel komponent, u b'hekk jintilef l-għarfien tal-kuxjenza kritika ta' l-awtur. Imqar jekk mislutin metodikament fl-għera naturali tagħhom, imħollijin fil-forma letterarja aktar milli teknika u filosofika li suppost jieħdu f'idejn il-kritiku, dawn il-ħsibijiet huma xorta waħda s-sisien li jinbena fuqhom il-pont li jgħaqqad lill-kittieb mad-dnja usa' ta' l-istorja ta' l-ideat, fuq naħa, u mad-dinja moħbija tal-kriterji ġenerali li jmexxuh, fuq in-naħa l-oħra.

---

81. *Biex niftiehmu minn qabel, Kwiekeb ta' qalbi,* Malta, G. Muscat 1944, p. 3; *Tifkiriet ta' tfuliti,* vv. 77-89.
82. *L-aħħar taqbida,* vv. 27-32; *Il-poeta u l-kaptan,* vv. 37-44; *Thewdin,* vv. 131-140.
83. *Lil ħabibi Karmenu Ellul Galea,* vv. 13-14.
84. *Vatum consortium* cit., p. 108.
85. *Il-għanja ta' poeta tal-bieraħ,* vv. 29-36.
86. *Il-poeżija u aħna,* loc. cit., p. 37.
87. *Kelmtejn qabel,* J. Saliba, *op. cit.,* p. 18.

---

DR. OLIVER FRIGGIERI is the author of various books published in Malta and abroad.